MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 168/2006

**AB**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi hija zzewget lill-intimat fil-5 ta' Gunju 1978, u minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tlett itfal, illum ilkoll maggjorenni.

Illi l-intimat ghandu problema tax-xorb, li rrendiet il-hajja konjugali impossibbli, tant li r-rikkorrenti minhabba l-agir tal-intimat fil-konfront taghha, giet kostretta tallontana ruhha mid-dar matrimonjali.

Illi il-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli peress illi l-intimat irrenda ruhu hati fil-konfront tar-rikkorrenti ta' sevizzi, theddid u ingwji gravi, kif wkoll minhabba f'inkompatibilita ta' karattru.

Illi hija giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali min din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 1283/2005 fl-atti tal-ittra numru 792/05 kif sussegwentament estiz b'digriet numru 456/06.

Illi il-fatti hawn dikjarati ir-rikorrenti tafhom hi personalment.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess ir-rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti is-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-intimat billi huwa rrenda ruhu hati fil-konfront tar-rikorrenti ta' sevizzi, ingurji gravi u theddid, kif wkoll minhabba f'inkompatibilita ta' karattru.

2. TikkundAlill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha retta alimientarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li jidrilha xierqa .

3. Tiddikjara xolta u terminata il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, u dan okkorrendo, ghall-finijiet ta' din it-taiba bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tordna id-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. TikkundAlill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti il-beni dotali u parafernali taghha.

Bl-ispejjez tal-presenti u tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-konvenut jaqbel ma' l-ewwel talba attrici fis-sens illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' mhux minhabba htijiet attribwibbli lilu, izda minhabba htijiet attribwibbli lill-istess attrici li kienet u ghada tabbuza mil-loghob, irrendiet ruhha hatja fil-konfront tieghu ta' ingurji gravi u theddid u talli abbandunat id-dar konjugali minghajr raguni valida.

2. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda stante illi bi mgibitha, l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob alimenti minghand zewgha l-konvenut. Minghajr pregudizzju, il-konvenut mhuwiex f'pozizzjoni illi jhallas l-ebda alimenti lil martu stante illi jiehu l-pensjoni ta' l-invalidita' kif se jigi pruvat fil-kors tal-kawza.

3. Illi t-tielet talba attrici ghandha tintlaqa'.

4. Illi r-raba' talba attrici ghandha tigi michuda peress illi l-konvenut ma ddekadiex mill-jeddijiet konjugali.

5. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi michuda peress illi l-konvenut ma ghandu l-ebda beni dotali u/jew parafernali ta' l-attrici u jekk l-attrici halliet warajha xi beni parafernali fid-dar konjugali wara li abbandunatha, l-konvenut ma jsibx oggezzjoni illi hija tohodhom.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut.[1]

Semghat lill-Avukati tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

[1] Fol. 277

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-attrici xhedet illi ghall-ewwel iz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien wiehed normali mil-liema zwieg kellhom tlett itfal, illum kollha maggorenni.

L-attrici tghid illi l-konvenut dejjem tafu jhobb jixrob izda l-problemi matrimonjali bdew meta l-konvenut zied fil-konsum eccessiv tax-xorb. Tghid illi ghal habta tas-sena 2004 il-konvenut tant kien hazin minhabba konsum eccessiv ta' xorb alkoholiku illi kien spicca rikoverat l-isptar. Skont l-attrici, l-konvenut kien irrifjuta li jattendi programmi ghall-alkoholici li kienu jirrakkomandawlu t-tobba. Tghid li kienet tipprova tghinu izda huwa kien jirritalja billi jghajjarha. Il-vizzju kien rikbu tant illi l-konvenut kien qed jghix hajja ghalih fis-sens illi l-attrici tghid li kien jinjoraha, jirrifjuta li johrog maghha filwaqt li l-intimita' bejniethom kienet spiccat ghal kollox. Kien jinjora sew gheluq snin l-attrici kif ukoll l-anniversarju tat-tieg taghhom.

L-attrici spjegat illi l-konvenut kien tilef l-impieg tieghu madwar is-sena 1997 u minn dak iz-zmien 'il quddiem qatt ma rega' hadem. Ghal habta tas-sena 2003 huwa kien beda jiehu l-pensjoni tal-invalidita' kif ghadu sallum. Tghid li l-gurnata kien iqattaghha id-dar ipejjep, jixrob u jara t-televizzjoni.

Tghid li l-problemi tat-tfal kellha terfaghhom wahedha peress li l-konvenut ma kienx jinteressa ruhu. Meta wiehed minn uliedhom kien gie arrestat u mibghut il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kellha tmur wahedha tarah peress li l-konvenut irrifjuta li jmur maghha. Issemmi episodju fejn kellha tibqa' tistenna t-tfal jidhlu lura mill-hrug tard hafna bil-lejl meta filghodu kellha tqum kmieni ghax-xoghol ghaliex il-konvenut mar jorqod qisu ma gara xejn.

Ghalkemm ittamat li l-konvenut jinbidel ghall-ahjar, l-atteggjament tieghu fil-konfront tal-attrici baqa' jmur ghall-aghar konsistenti f'ghajjat u tghajjir. Tghid li meta ma setghatx tissaporti aktar hija kienet kitbet f'ittra dak li riedet tghid lil zewgha biex jipprova jirranga s-sitwazzjoni izda l-konvenut minflok ma qara l-ittra qattaghha quddiem l-istess attrici. Meta l-attrici qatghet qalba li l-konvenut ser jirranga hija telqet mid-dar matrimonjali u marret tabita ghand ohta. Minn Jannar tas-sena 2010 marret tghix f'post li kriet gewwa Bormla.

Fir-rigward tal-beni tal-komunjoni jew parafernali tghid hekk:-

"Bhala beni fil-komunjoni tal-akkwisti nghid li hemm l-inkwilinat tad-dar matrimonjali u cioe Blck D, Flat 15, Triq Berta Kilg San Giljan, liema kirja saret matul iz-zwieg.

Fl-istess dar matrimonjali hemm is-segwenti mobbli li wkoll inxtraw waqt iz-zwieg;

Kamra tas-sodda li tiswa circa Lm 800

Kcina li tiswa circa Lm 1500

Kamra tas-sodda tat-tfal li tiswa circa Lm400

Salott li jiswa circa Lm300

Kamra tal-pranzu li tiswa circa Lm1500

Mejda tat -telephone li tiswa Lm45

Showcase li tiswa circa Lm80

Sottospecchio li jiswa circa Lm30

Arkati li jiswew circa Lm250

Linef li jiswew circa Lm130

Naf wkoll illi meta tlaqt mid-dar hallejt warajja is-segwenti, li wkoll inxtraw waqt iz-zwieg: fridge, cooker, hood, forn, washing machine, 2 fans, 2 stereos, television, video, 2 geysers, bjankerija, twapet, u hafna fajjenza.

Flus il-bank ma nafx li ghandna, pero hemm debitu mal-Bank ofValetta p.l.c. li huwa f'ismi u f'isem il-konveut u illum il-bilanc huwa ta' cirka Lm 1081. Is-self li konna hadna kien ta' Lm 1500 pero jien sa issa hallast minnhom Lm 500 u xi imghax li lahaq idekorra, u zewgi ma jrid ihallas xejn. Fir-rigward ta' dan id-dejn nhoss li jkun gust jekk jien inhallas Lm 250 ohra u il-konvenut jhallas il-bilanc."

L-attrici cahdet l-akkuza tal-konvenut li hija ghandha l-vizzju tal-loghob.[2] Tghid li kienet tmur tilghab xi zewg loghobiet tombla meta kienet ghadha tahdem. Dan kienet taghmlu darba fil-gimgha nhar ta' Sibt. Tghid li filwaqt li hija ghamlet zmien tahdem mis-sebgha ta' filghodu tas-sebgha ta' filghaxija il-konvenut kien jirrifjuta li jmur jahdem u kien jippreferi joqghod id-dar jixrob. Tghid li ghall-ewwel

[2] Fol. 96

sitt xhur li spicca mix-xoghol kien jiehu beneficcji socjali izda imbaghad waqfulu peress li l-attrici kienet tahdem u kellha tmantnih hi.

In kontro-ezami[3] l-attrici spjegat illi l-valuri li tat lill-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali jirraprezentaw il-prezz li l-oggetti kienu inxtraw.

Hija cahdet li telqet mid-dar ghax kellha relazzjoni ma’ haddiehor, “Jien qatt m’ghext jew kelli relazzjoni ma’ ragel iehor, qatt ma kelli relazzjoni ma’ xi hadd iehor”.[4] Tghid li kienet tohrog darba fil-gimgha tmur tilghab it-tombla u ma’ hutha darba fix-xahar il-casino’. Tghid li l-konvenut ma kienx irid johrog. Tghid li dak iz-zmien il-konvenut qatt ma kien jghidilha xejn. Tispjega r-raguni li kellha titlaq mid-dar: “Qabel tlaqt mid-dar ir-relazzjoni ma' zewgi kienet hazina. Mhux vera li kelli wicc haddiehor, lil zewgi biss kelli, hu gideb dwar li kont nilghabhom. Il-kawza tal-problemi kienet li jien ippruvajt nirranga sa ktiebtlu ittra, flokk ra r-ragel qattaghha u remiha u fiha kelli spjegat li ma nistawx nibqghu hekk, jinhtieg li jibdel l-attitudni billi ma jibqax jixrob, jibda johrogni u kull fejn imorru mhux bil-fors ikun hemm ix-xorb. Ktibt din l-ittra xahrejn qabel ma tlaqt mid-dar, jien kont imdejqa, ir-ragel mitfuh fuq is-sufan u fuq is-sodda u jien nahdem zewg xogholijiet. Ma morniex ghand social worker. Mhux vera li l-ittra kienet mimlija tghajjir u nsolenza, anqas biss fetaha u mhux veru li hedditu li se nitlaq mid-dar. Ir-ragel qatt ma ried jahdem, jien tlaqt mid-dar ghax kont imdejqa bis-sitwazzjoni. Hu r-ragel ipprova isiblu xogholijiet sa gieghlu jaqta' xaghru u d-daqna u qatt ma ried jahdem”.

Tghid illi llum il-gurnata hija tghix bl-ghajnuna socjali amontanti ghal circa €400 fix-xahar oltre l-bonus supplimentari. Hija thallas €100 kera fix-xahar.

Il-**konvenut C B** xhed[5] illi huwa u martu kienu iltaqghu ghall-ewwel darba meta hu kellu tnejn u ghoxrin sena u l-attrici kien ghad ghandha sittax-il sena. Damu johorgu flimkien madwar sentejn meta l-attrici inqabdet tqila u ghalhekk il-partijiet kienu zzewgu f’Gunju tas-sena 1976 u xahar wara twieled l-ewwel wild taghhom.

Il-konvenut spjega li ghall-ewwel ftit snin huma kienu residenti f’diversi djar tal-qraba tal-konvenut sakemm akkwistaw b’kera flat tal-Gvern. Fis-sena 1994 l-attrici harget tahdem meta z-zghir taghhom kellu madwar seba’ snin. Il-konvenut kien tilef il-post tax-xoghol u beda jirregistra sakemm applika ghall-pensjoni tal-invalidita’ u fil-fatt illum id-dhul tieghu jikkonsisti fil-pensjoni tal-invalidita’. Il-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali beda peress li l-attrici bdiet tohrog wara li tispicca mix-xoghol filwaqt li hu kien jibqa’ d-dar peress li l-hrug ma joghgbux. Jghid li l-attrici kienet tonfoq il-flus

[3] Fol. 160
[4] Fol. 203
[5] Fol. 26 – Affidavit tal-konvenut.

fil-loghob tat-tombla. Jichad li ghandu l-problema tax-xorb u jsostni li l-attrici ingustament takkuzah b'konsum eccessiv tax-xorb sabiex tiggustifika l-allontanament taghha mid-dar matrimonjali. Jghid li l-attrici ghandha l-vizzju tal-loghob u tmur il-casino'.

Xehed **Dr James Clarke**[6], rapprezentant tas-Supretendent tal-Isptar San Luqa li spjega li fis-sena 2003 il-konvenut kien iddahhal l-isptar ibati minn *withdrawal symptons* tal-alkohol. Mit-testijiet li kienu sarulu irrizulta li l-konvenut kellu kondizzjoni fil-fwied rizultat ta' konsum eccessiv ta' alkohol. Meta fis-sena 2004 il-konvenut rega' ghamel it-testijiet dawn gew kwazi normali, li juru li l-konvenut kien naqqas sew il-konsum tal-alkohol. Mill-file tal-isptar jirrizulta li l-konvenut kien jixrob sa zewg flixken inbid kuljum u li kellu storja ta' konsum eccessiv ta' alkohol ghal madwar hamsa u ghoxrin sena.

**Philip Bonnici**[7], rapprezentant tal-Employement and Training Corporation xhed illi l-ahhar li hadem il-konvenut kien fis-16 ta' April 1999. Fir-rigward tal-konvenuta xhed illi l-ahhar li l-konvenuta hadmet kien fis-sena 2005.[8]

**Ivan Cilia**[9], rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, xhed illi l-attrici kienet applikat u eventwalment bdiet tiehu l-ghajnuna socjali fit-22 ta' Settembru 2005 u fit-30 ta' April 2007, wara li bord mediku sabha tajba ghax-xoghol, hija bdiet tirregistra u tiehu l-ghajnuna ghall-qaghad.

**Joseph B Cardona**[10], fil-kwalita' tieghu ta' Manager, Ufficju Legali tal-Bank of Valletta p.l.c., xhed illi l-partijiet kellhom kont kongunt imsejjah 'consumer loan account' li kellu zbilanc tas-somma ta' €2,866.72. L-attrici spjegat illi dan is-self il-partijiet kienu ghamluh sabiex hallsu numru ta' kontijiet li kellhom pendenti fosthom tad-dawl u l-ilma, tat-telefon u tal-kera ta' fejn kienu qed joqghodu. Dwar dan il-kont il-konvenut jghid illi l-attrici uzat persentagg sostanzjali minnu sabiex setghat tilghabhom f'tombla u l-casino'.

**Maria Dolores sive Marlene B**[11], oht il-konvenut, xhedet illi sa fejn taf hi l-problemi ta' bejn il-partijiet bdew b'rizultat tal-hbiberija hazina li kellu wiehed minn ulied il-partijiet. Qalet li qabel ma' l-konvenut iltaqa' mal-attrici huwa ma kellux il-vizzju tax-xorb. Tghid li huwa kien spicca 'redundant' mix-xoghol u kien ghalhekk li beda jirregistra. Tghid li l-attrici kienet tahdem qabel ma l-konvenut spicca bla xoghol u meta l-konvenut spicca bla xoghol kienet l-attrici li tmantni lill-familja. Tghid li huwa beda jixrob meta l-attrici kellha zewg xogholijiet u kienet tmur id-dar biss biex tiekol, tinhasel u terga' tohrog. Tghid li damu hekk ghal madwar erba' snin. Ikkonfermat li l-attrici kienet tmur it-

[6] Fol. 38
[7] Fol. 43
[8] Fol. 63
[9] Fol. 45
[10] Fol. 83
[11] Fol. 205

tombla nhar ta' Sibt fil-kazin tal-banda tar-rahal u kienet tkun ma' ohtha, ommha u missierha. Tghid li ratha hierga mill-Casino' di Venezia u tigbed il-flus mill-ATM ripetutament.

Fl-affidavit[12] taghha Marlene B spjegat illi il-partijiet kien ikollhom xi jghidu fuq binhom peress li l-attrici kienet iccedi ghal dan it-tifel filwaqt li kienet tahbi mill-konvenut. Tghid li l-konvenut kien waqa' fil-vizzju tax-xorb minhabba l-problemi tat-tifel, minhabba li kien tilef ix-xoghol u l-attrici bdiet tahdem il-gimgha kollha u fi tmiem il-gimgha tohrog. Tghid ukoll li hija kienet sellfet is-somma ta' Lm300.00 lill-attrici li minnhom tatha lura biss Lm50.00

Il-konvenut ipprezenta wkoll affidavit ta' Francis Paul B u ta' Carmel B[13]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Minn ezami tal-provi mressqa jirrizulta illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu iz-zewg partijiet. Mill-banda l-wahda jirrizulta illi meta l-konvenut spicca bla xoghol waqa' fil-vizzju tax-xorb tant li kellu jigi rikoverat l-isptar. Mill-banda l-ohra jirrizulta li l-attrici kienet tonfoq il-flus fil-loghob tat-tombla u fil-casino'.

Ghalkemm l-attrici tichad li kienet mahkuma mill-vizzju tal-loghob u l-konvenut jichad li kien mahkum mill-vizzju tax-xorb, hija l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi mill-kumpless tal-provi imressqa jirrizulta illi z-zewg partijiet kienu mahkumin mill-vizzju rispettiv taghhom fuq imsemmi.

Gie sodisfacentement ippruvat illi l-konvenut kien waqa' fil-vizzju tax-xorb alkoholiku ghal numru ta' snin. Li l-konvenut kellu dan il-vizzju jirrizulta minn diversi xhieda. Sew l-attrici kif ukoll ix-xhieda minnha imressqa jikkonfermaw illi fiz-zmien in kwistjoni l-konvenut kellu problema akuta ta' alkoholizmu tant li kien hemm okkazzjoni li beda jbati minn allucinazzjonijiet u kellu jigi revoverat l-isptar ghall-kura. Dr Clarke xehed illi mill-file tal-isptar jirrizulta li l-konvenut kellu storja ta' abbuz mill-alkohol li tmur lura sew fis-snin. Jirrizulta wkoll illi ghalkemm il-konvenut kien inghata pariri mit-tobba sabiex jibda programm ta' Sedqa sabiex johrog minn din il-problema, huwa irrifjuta li jmur u b'hekk il-problema kompliet taggrava.

[12] Fol. 213
[13] Fol. 216 et. seq.

Il-konvenut jakkuza lill-attrici li t-tkissir taz-zwieg taghhom sehh peress li kienet spiss tohrog u tilghab il-flus. L-attrici tiddefendi ruhha minn din l-akkuza billi filwaqt li ammettiet li kienet tmur tilghab il-flus ta' kull gimgha dan kienet taghmlu bil-qies. Tghid li kienet tmur ta' kull gimgha tilghab it-tombla u kultant kienet tmur ukoll tilghab il-flus il-casino'.

Fil-fehma tal-Qorti anke l-agir tal-attrici kien kagun ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet. Jammonta ghal agir irresponsabbli dak tal-attrici illi f'sitwazzjoni fejn il-konvenut spicca bla xoghol u eventwalment certifikat li ma kienx aktar kapaci ghax-xoghol illi ta' kull gimgha tmur tilghab il-flus, sija fil-kazin tal-banda kif ukoll il-casino'. Il-konvenuta tghid illi hija kienet tispicca tohrog wahedha minghajr il-konvenut peress li dan ta' l-ahhar ma kienx ikun irid johrog. Pero' dan ma jiggustifikax l-agir taghha illi ta' kull gimgha tmur tilghab il-flus bhal donnu l-familja kellha flus x'tahli. Kemm l-attrici kienet mahkuma mill-vizzju tal-loghob jidher mill-fatt illi l-hrug kollu taghha sew jekk ma' tal-familja sew jekk le kien dejjem marbut mal-loghob tal-flus

Jidher car ghall-Qorti illi kull parti kkontribwit sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak. Ghalkemm il-partijiet jippuntaw subajhom lejn xulxin dwar min jahti ghal dan it-tkissir, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ghat-tkissir taz-zwieg taghhom jahtu iz-zewg partijiet.

Jirrizulta li wara li l-konvenut tilef il-post tax-xoghol tieghu, aktar kien mohhu sabiex jiehu l-beneficcji socjali u joqghod id-dar ipejjep u jixrob. Ghalkemm il-konvenut eventwalment ikkwalifika ghall-pensjoni tal-invalidita' jirrizulta illi waqa' fil-vizzju ta' xorb alkoholiku eccessiv.

It-telf tal-impieg tal-konvenut wassal lill-attrici tfittex li jkollha zewg impiegi sabiex tikkumpensa ghan-nuqqas ta' dhul da parti tal-konvenut u spiccat tmantnieh hi. Il-hinijiet twal ta' xoghol li l-attrici kienet qed taghmel kellu l-effett illi l-presenza taghha fid-dar naqset drastikament. Jirrizulta wkoll illi meta l-attrici sabet l-indipendenza taghha finanzjarja minghand zewgha, bdiet regolarment tilghab parti minn dak li taqla'.

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut illi l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali, jirrizulta mill-atti illi il-glied bejn il-partijiet gewwa d-dar matrimonjali kien ta' livell gholi illi irrenda l-hajja taz-zewg partijiet taht l-istess saqaf bhala insopportabbli. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi f'dawk ic-cirkostanzi l-attrici kienet gustifikata li titlaq mid-dar matrimonjali minghajr ma tali agir jikkwalifika bhala abbandun tad-dar matrimonjali fit-termini tal-ligi. Skont l-**Artikolu 46 tal-Kap. 16,** waqt li tkun miexja kawza ta' separazzjoni kull parti tista' titlaq mid-dar matrimonjali.

**Manteniment**.

Fir-rikors guramentat taghha l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha manteniment filwaqt li l-konvenut jeccepixxi illi l-attrici iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment u dan b'rizultat ta' "mgibitha". Fl-eccezzjoni tieghu il-konvenut ma jispecifikax ghal-liema imgieba qed jirreferi.

Skont l-**Artikolu 48 (1) (d) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta, min ikun hati ta' adulterju jew abbandun jitlef id-dritt li jitlob il-manteniment minghand il-konjugi.

L-**Artikolu 51 tal-Kap 16** imbaghad jaghti d-diskrezzjoni lill-Qorti illi f'kazijiet fejn it-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet ikun rizultat ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi kontemplati fl-Artikolu 40, illi tapplika is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48.

Fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali. Hija telqet peress li l-hajja flimkien taht l-istess saqaf kienet saret insopportabbli.

Fl-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut ma jakkuzax lill-attrici b'adulterju. Kien hemm xi domandi f'dik id-direzzjoni waqt il-kontro-ezami tal-attrici pero' ma rrizulta l-ebda prova li l-attrici ikkommettiet adulterju.

Hija ghalhekk il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi ma jirrizultax li l-attrici tilfet id-dritt li titlob manteniment minghand zewgha ai termini tal-Artikolu 48 (1) (d) tal-Kap. 16.

Meta ikkonsidrat il-provi kollha mressqa kif ukoll il-konkluzzjoni taghha fir-rigward tal-kontributorjeta' rispettiva tal-partijiet ghat-tkissir taz-zwieg, il-Qorti qed tikkonkludi illi ma jezistux l-estremi sabiex l-attrici tiddekadi mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha.

Id-dhul tal-attrici jikkonsisi f'ghajnuna socjali filwaqt li dak tal-konvenut jikkonsisti f'pensjoni tal-invalidita'. Tenut kont tad-dhul u htigijiet rispettiv tal-partjiet il-Qorti qed tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tmenin ewro (€80) fix-xahar bhala manteniment.

**Dar Matrimonjali**.

Id-dar matrimonjali tikkonsisti f'appartament mikri minghand il-Gvern. Gia gie deciz supra illi minhabba t-tensjoni kbira li l-partijiet kienu qed jghixu fiha taht l-istess saqaf, l-attrici kienet gustifikata tohorg mid-dar matrimonjali u tmur tghix band' ohra sabiex il-glied kontinwu jieqaf.

Fic-cirkostanzi l-Qorti trid tiddeciedi min mill-partijiet ghandu jirrisjedi fid-dar matrimonjali minn hawn 'il quddiem.

Tenut kont tal-fatt illi l-Qorti sabet illi z-zewg partijiet jahtu ghat-tkissir taz-zwieg taghhom u tenut kont tal-fatt illi l-attrici ilha s-snin li harget mid-dar matrimonjali u marret tabita band'ohra, il-Qorti tqis li jkun gust li l-konvenut jibqa' jabita fid-dar matrimonjali.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Ll-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti gew elenkati mill-attrici bil-mod segwenti:-

Kamra tas-sodda

Kcina

Kamra tas-sodda tat-tfal

Salott

Kamra tal-pranzu

Mejda tat -telephone

Showcase

Sottospecchio

Arkati

Linef

fridge, cooker, hood, fom, washing machine, zewg fans, zewg stereos, television, video, zewg geysers, bjankerija, u twapet.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu il-konvenut jghid illi m'ghandux oggezzjoni li l-attrici tiehu stereo u sett tat-te' tac-cinizi. Jghid ukoll illi l-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali ghandu jzommhom il-konvenut u jhallas lill-attrici nofs il-valur taghhom.

Jghid ukoll il-konvenut illi d-deheb fiz-zwieg u deheb iehor li nghataw it-tfal tal-partijiet mill-familja tal-konvenut li qed jinzamm mill-attrici m'ghandux oggezzjoni illi dawn jigu assenjati lill-attrici salv ghac-curkett tat-tieg tal-konvenut u t-tlett gizirani u tlett cappetti li kienu inghataw mill-familja tal-konvenut lit-tfal tal-partijiet kif ukoll par cufflings li kienu gew mogthija lit-tifel George u li kienu jappartjenu qabel lill-missier il-konvenut.

Fit-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti l-Avukat tal-attrici iddikjara illi l-attrici taqbel ma' dak propost.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici nofs il-valur tal-oggetti mobbli li hemm fid-dar matrimonjali skont il-valuri moghtija mill-attrici fix-xhieda taghha u dan fi zmien xahar millum. Fin-nuqqas il-Qorti tordna l-bejgh tal-mobbli kollha imsemmija u r-rikavat jinqasam in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut. Dwar l-oggetti tad-deheb imsemmija mill-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ma jirrizultax mill-atti xi prova fir-rigward u ghalhekk il-Qorti ma hiex ser tippronunzja ruhha dwaru.

**Dejn**.

Fir-rigward tas-self li l-partijiet kienu ghamlu mal-Bank of Valletta p.l.c. l-attrici ssostni illi m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghad-dejn li baqa' mal-bank peress li l-hlasijiet kollha li saru lill-bank s'issa ghamlitu hi mid-dhul li kellha.

Il-Qorti ma taqbilx ma' tali sottomissjoni. Id-dhul kollu li kellhom il-partijiet sa issa jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk il-fondi li minnhom thallas lura parti mid-dejn lill-bank thallas minn fondi tal-komunjoni. Il-Qorti qed tiddikjara illi dan id-dejn jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk iz-zewg partijiet huma responsabbli sabiex ihallsu l-istess.

Dwar dejn li hemm ma' membri tal-familji rispettivi tal-partijiet, fid-dawl ta' dak sottomess waqt it-trattazzjoni orali tal-Avukati tal-partijiet, il-Qorti tordna li d-dejn dovut lill-membri tal-familja tal-attrici ghandha taghmel tajjeb l-attrici u li d-dejn dovut lill-membri tal-familja tal-konvenut ghadu jaghnmel tajjeb il-konvenut.

Fir-rigward ta' kontijiet bankarji u investimenti li jista' jkun ghandhom il-partijiet, il-Qorti tordna li dawk intestati f'isem l-attrici ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attrici u dawk intestati f'isem il-konvenut ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom lill-konvenut.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici u tippronunzja is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet htija taz-zewg partijiet kif fuq spjegat.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundAlill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tmenin ewro (€80) fix-xahar bhala manteniment, kull l-ewwel tax-xahar, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-parijiet u tillikwida l-istess bil-mod kif fuq spjegat taht l-intestatura Komunjoni tal-Akkwisti u Dejn.

4. Tichad ir-raba' talba attrici.

5. Tichad il-hames talba attrici peress li ma rrizultawx beni parafernali.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------